MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru 134/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Versus**

**David Ellul Lanfranco**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Ellul Lanfranco ta’ 23 sena iben Lewis u Maria Assunta new Cuschieri, imwieled il-Pieta’ fid-9 ta’ Ġunju 1984 u residenti ġewwa numru 28 Triq il-Kbira Attard ID 283884 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer:

a. Nhar is-17 ta' Frar, 2008 għall-ħabta ta' wara l-4.30pm (16.30) minn Vjal Antoine de Paule Ħal-Balzan ikkommetta serq ta' Laptop kompjuter tal-marka 'Dell', kamera tar-ritratti diġitali tal-marka Casio, ċurkett tad-deheb abjad bi djamanti żgħar fuqu, arloġġ tal-marka D&G, ġiżirana tal-marka Breil u xi oġġetti oħra liema serq jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu ta' Kevin Micellef, leima serq huwa aggrava bil-valur, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u l-mezz;

b. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor mobbli jew immobbli meta għamel ħsara fuq vettura tal-għamla Fiat b'numru tar-reġistrazzjoni KEV 015 għad-dannu ta' Kevin Micallef mis-Siġġiewi liema ħsara ma teċċedix il-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) imma li hija  iżjed minn tlieta u għoxrin eruo u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29);

ċ. U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fis-17 ta' Frar 2008 għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofs in-nhar (16.00) minn Corinthia Parking Area li tinsab ġewwa Birkirkara, Ħ'Attard, ikkometta serq ta' diversi oġġetti liema serq ma jeċċedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-dannu t'a Marika (Maria Carmela) Sammut liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

d. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq il-vettura tal-għamla Subaru b'numru tar-reġistrazzjoni KBB 307 għad-dannu ta' Marika (Maria Carmela) Sammut min-Naxxar liema ħsara ma teċċedix il-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) imma li hu iżjed minn tleita u għoxrin euro u disgħa u għaxrin ċenteżmu (€23.29);

e.Akkużat ukoll talli nhar is-17 ta' Far 2008 f'xi ħin bejn nofs in-nhar (12.00) u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar

(16.00) minn ġewwa l-'Liberty Bar' Triq Qormi ma' Triq il-Kbra San Ġużepp, Hamrun ikkometta serq ta' mobile phone tal-marka Nokia tal-mudell 2310 tip RM-189 bin-numur tas-serje 3548109/01/607598/3 għad-dannu ta' Mark Micallef minn Ħal-Balzan;

f. Talli f'dawn il-Gżejjer fis-17 ta' Frar 2008 bejn l-erbgħa u l-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) mingħajr il-liċenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija.

g.Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirksotanzi filwaqt li kien qed jiġi arrestat kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari waqt li kien qed iwettaq delitt.

h.Talli huwa sar reċidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 meta huwa kien nstab ħati u kkundannat għal reat b'sentenza tal-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi.

2. l-atti kollha tal-proċess inklużi l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fid-29 ta' Settembru 2008, l-ammissjoni tal-imputat magħmula fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2008, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata żmien biżżejjed biex jaħsibha, iċ-ċertifika tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2838 tal-1984, il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat a fol.23, id-Dokument KM 1, 2, 3, 4 (fol.36 et), MM1 (fol.46), iż-żidiet li saru fl-imputazzjonijiet li għalhek kellhom jerġgħu jinqaraw mill-ġdid, id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' mill-ġdid ix-xhieda li kienu diġa' telgħu jixhdu, (fol.82), l-eżenzjoni li jittellgħu jixhdu xhieda dwar l-istqarrija jew dwar ir-reċidiva (fol.98). it-tieni stqarrija tal-imputat a fol.202.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet ukoll lill-imputat jixhed fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2008.

**5. Stante l-ammissjoni li l-imputat għamel tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha.**

**Konklużjoni**

**6. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(ċ)(ġ), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 271(g), 278, 279(b), 280(1)(2) u 281 tal-Kap 9;**

**325(1)(ċ) tal-Kap 9;**
**261(b)(g), 263, 264(1), 265, 266, 271(g), 278(1)(2) u 281 tal-Kap 9;**

**325(1)(b) tal-Kap 9;**

**284 u 285 tal-Kap 9;**

**6, 51(7), 55(a)(b), 56, 57 u 61 tal-Kap 480;**

**49 u 50 tal-Kap 9;**

**17(h), 23, 31, u 533 tal-Kap 9**

**issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda u r-raba' waħda hija assorbita fit-tielet waħda, u s-sitt imputazzjoni hija assorbtia fis-seba' imputazzjoni. (dejjem skond ġurisprudenza kostanti dwar il-konkurs ideali)**

**Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat kien kompliċi fl-imputazzjoni prinċipali għax qagħad għassa. Iżda dan ir-reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni kif dedotta u ma jagħmel ebda differenza fil-piena għaliex il-kompliċi jieħu l-istess piena daqs il-ħati. (Ara artikoli 42 u 43 tal-Kap 9).**

**Mil-lat pożittiv:**

**(i) li l-imputat għamel ammissjoni għalkemm din ma saritx mal-ewwel iżda din saret f'fażi importanti qabel ma kompla ntilef aktar żmien fi smigħ ta' xhieda.**

**(ii) Qieset ukoll li l-imputat ta għajnuna siewja lill-Pulizija.**

**Mil-lat negattiv:**

**(iii) li l-imputat huwa reċidiv.**

**(iv) li ċerta imputazzjonijiet huma serji għax miżgħuda bl-aggravji;**

**Għat-tielet imputazzjoni japplika l-artikolu 18 tal-Kap 9 għaliex l-imputazzjoni hija dwar att li jikkostitwixxi l-ksur tal-istess provvediment.**

**Għas-sitta u s-seba' imputazzjoni l-Qorti qed tapplika l-artikolu 17(b) tal-kap 9.**

**Għalhekk, il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha msemmija qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' erbatax-il xahar li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest <u>preventiv</u> minħabba <u>*dan*</u> ir-reat.**

**Tordna l-konfiska tal-mus u tordna li l-imputat ma jkollu ebda liċenzja ta' arma għal sentejn.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------